MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF GINO CAMILLERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 2496/2000/1

**United Insurance Brokers Limited**

**vs**

**C.F.M. Transport Limited u b'digriet tal-10 ta' Mejju 2001 gie kjamat fil-kawza Anton Ferris**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet :-

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici ta's-socjeta konvenuta fis-somma ta' tlett elef sebgha mija u sebgha u sebghin lira maltija u sebgha centezmi (Lm3777.07) rappresentanti

prezz ta’ servizzi moghtija mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu ta’ l-istess konvenuta;

Illi din is-somma hija dovuta in kwantu ghal (a) hames mija hamsa u sebghin lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm575.81,0) bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura ta’ s-socjeta’ attrici bin-numru 2494 mahruga fl-17 ta’ Marzu 1994, (b) mija tmienja u sittin lira u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm168.24) bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura ta’ s-socjeta attrici bin-numru 4214 mahruga fit-3 ta’ Jannar 1995, (c) mija u disgha liri (Lm109) bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura ta’ s-socjeta’ attrici bin-numru 4215 mahruga wkoll fit-3 ta’ Jannar 1995, (d) hames mija erbgha u erbghin lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm544.51) skond fattura ta’ s-socjeta’ attrici bin-numru 6320 mahruga fis-27 ta’ Dicembru 1995, (e) hames mija erbgha u erbghin lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm544.51) skond fattura ta’ s-socjeta’ attrici bin-numru 6321 mahruga wkoll fis-27 ta’ Dicembru 1995, (f) tminn mija u wiehed u sebghin lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm871.81) bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura ta’ s-socjeta attrici bin-numru 6981 mahruga fid-29 ta’ Marzu 1996, u (g) disgha mija tlieta u sittin lira u dsatax ‘il centezmu (Lm963.19) bhala bilanc fuq fattura ta’ s-socjeta’ attrici bin-numru 6982 mahruga wkoll fid-29 ta’ Marzu 1996;

Illi ghalkemm debitament interpellata sabiex thallas dan l-ammont ukoll permezz ta’ ittra nterpellatorja datata 28 ta’ Novembru 1997 u ittri ufficjali datati 29 ta’ April 1998 u 22 ta’ Novembru 1999 (kopji hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti bl-ittra “A”, “B” u “C”), is-socjeta’ konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti;

Illi l-ammont dovut huwa cert, likwidu u dovut;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi dina l-Qorti m’ghandiex:-

tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' tlett elef sebgha mija sebgha u sebghin lira maltija u sebgha centezmi (Lm3777.07);

tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa ta's-smiegh ta' l-kawza;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 28 ta' Novembru 1997 u ta' l-ittri ufficjali datati 29 ta' April 1998 u 22 ta' Novembru 1999, u bl-imghaxijiet mid-dati ta' l-fatturi relattivi, sa d-data ta' l-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta, li giet ngunta ghas-subizzjoni taghha;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit :-

Illi t-talbiet tas-socjeta attrici ghandhom jigu respinti fil-konfront tas-socjeta konvenuta in vista tal-fatt li huma ghal kollox infondati kemm fattwalment u kif ukoll legalment u dana kif ser jigi ppruvat ahjar waqt l-ismiegh ta' dawn il-proceduri;

Illi s-socjeta eccippenti ma tat ebda inkariku lill-attur nomine biex irendi tali servizzi reklamati u fil-fatt ebda ftehim ma gie ffirmat minn xi dirigent tal-istess eccippjenti;

Illi ghandu jirrizulta opportun anke f'dan l-istadju inizjali li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, ikun jehtieg li din il-Qorti tikkjama in kawza l-persuna li effettivament iffirmat l-iskritturi esebiti mac-citazzjoni u dana ghall-integrita tal-gudizzju;

Illi s-socjeta eccippjenti tirriserva li tressaq aktar eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri waqt l-ismiegh ta dawn il-proceduri hekk kif jizvolgi l-kaz u dana in vista tal-fatt li s-socjeta eccippjenti ma hiex daqstant konsapevoli tal-fatti li wasslu ghal ftuh ta’ l-odjerna kawza;

Bl-ispejjes kontra s-socjeta attrici li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Mejju 2001 li bih gie kjamat fil-kawza Anton Feriis;

Rat li l-kjamat fil-kawza gie debitament notifikat pero’ dan naqas li jippresenta n-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet li-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur tal-atturi;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta’ attrici tippretendi li hi kreditrici ta’ s-socjeta konvenuta fis-somma totali ta’ tlett elef sebgha mija u sebgha u sebghin lira maltija u sebgha centezmi (Lm3777.07) rappresentanti prezz ta’ varji servizzi rigwardanti assikurazzjonijiet moghtija mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu ta’ l-istess socjeta konvenuta. Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li s-socjeta’ konvenuta tigi kundannata thallas l-imsemmija somma;

Da parti taghha s-socjeta konvenuta teccepixxi li ma tat l-ebda inkariku lis-socjeta attrici biex jigu resi s-servizzi reklamati. F’dan ir-rigward is-socjeta konvenuta tissottometti li ma hemm ebda ftehim iffirmat mis-socjeta konvenuta;

Gie kjamat fil-kawza Anton Ferris u cioe’ l-persuna li kienet tittratta mas-socjeta konvenuta dwar dawn l-assikurazzjonijiet;

Jirrizulta li s-servizzi imsemmija fic-citazzjoni jirreferu ghal varji poloz ta’ assikrazzjoni mahruga a favur tas-socjeta konvenuta. Jirrizulta inoltre li s-socjeta attrici tagixxi bhala “insurance broker”. Jirrizulta b’mod sufficjenti li fiz-zmien in kwestjoni l-istess socjeta attrici agixxiet bhala “insurance broker” a favur tas-socjeta konvenuta u b’hekk inhargu varji poloz ta’ assikurazzjoni li kienu ikopru vetturi tas-socjeta konvenuta;

Jirrizulta ghahekk li l-kjamat fil-kawza kien jinnegozja mas-socjeta attrici f’isem u a favur tas-soceta konvenuta. Ma tirrizulta ebda responsabilita’ personali tal-kjamat fil-kawza;

Di fatti mill-provi jidher li s-socjeta konvenuta accettat il-varji kondizzjonijiet marbutin ma dawn il-poloz u di piu’ talbet li jsiru arrangamenti specjali ta’ ripagament sabiex il-“premia” jithallsu separatament. F’dan ir-rigward saru xi skritturi li gew iffirmati mill-kjamat fil-kawza. In effett jirrizulta li l-istruzzjonijit relattivi kienu dejjem jinghataw mill-imsemmi kjamat fil-kawza. Jirrizulta ukoll pero’ li wiehed mid-diretturi tas-socjeta konvenuta kien izur l-ufficji tas-socjeta attrici. Jirrizulta ukoll li in konnessjoni mal-polzi ta’ assikurazzjoni in kwestjoni s-socjeta

konvenuta kienet ghamlet xi pagamenti. Inoltre l-kjamat fil-kawza kien wiehed mill-firmatarji tac-cekkijiet mahruga mis-socjeta konvenuta;.

Il-kjamat fil-kawza ikkonferma li huwa kien jahdem mas-socjeta' konvenuta bhala part-time fl-accounts. .Huwa kkonferma ukoll li ffirma d-dokumenti in kwestjoni wara li kienu tawh struzzjonijiet f'dan is-sens id-diretturi tas-socjeta konvenuta. Jidher ukoll li kien hemm rizoluzzjoni tas-socjeta konvenuta li l-kjamat fil-kawza seta jiffirma ghan-nom tas-socjeta konvenuta. Huwa kien jittratta u jinnegozja mas-socjeta attrici ghan-nom tas-socjeta konvenuta;

In vista tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti biss fil-konfront tas-socjeta konvenuta;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta u fit-tieni lok billi tilqa t-talbiet kollha attrici fil-konfront biss tas-socjeta konvenuta u b'hekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef sebgha mija sebgha u sebghin lira maltija u sebgha centezmi (Lm3777.07) u dana ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' kull fattura relattiva sad-data tal-effettiv pagament. Tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-kjamat fil-kawza;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------